MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 176/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici A izzewget lill-konvenut Bfis-sitta ta’ Mejju tas-sena elfejn u wiehed kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok RH1 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg u dan meta l-konvenut ghandu problema ta' impotenza b'dan li ma setghux ikollhom tfal ghalkemm huwa qatt ma ried jaffronta din il-problema;

Illi waqt iz-zwieg il-partijiet kienu jghixu bhala hbieb milli bhala mizzewgin minhabba li l-konvenut kien jghid li kien ikun dejjem ghajjien u dan l-attrici ma setghetx tkun tafu waqt l-gherusija stante li huma qatt ma kellhom x'jaqsmu sesswalment sakemm damu gharajjes u li ghalhekk iz-zwieg kien vizjat;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tas-6 ta' Mejju 2001 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-12 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg bejn il-partijiet celebrat fis-6 ta' Mejju 2001 ghandha tigi milqugha pero mhux ghar-ragunijiet imsemmija minnha cioe l-impotenza tal-eccipjenti li l-eccipjenti jichad bhala fatt izda ghan-nuqqas ta' sentimenti ta' imhabba u indifferenza da parti tal-attrici lejn l-eccipjenti zewgha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta' Joseph Hili, Theresa Hili, Brian Hili u Lucinda Fenech:

Rat ukoll l-affidavits tal-konvenut, Mary Doris Grima u Amanda Eltalapsi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Mejju, 2001 minhabba r-ragunijiet indikati fic-citazzjoni li huma ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament ta' zwieg skond il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut qabel ma' din it-talba izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta'*

*diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Ir-ragunijiet citati mill-attrici jirrigwardjaw dawn is-sub-artikoli;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (e) – impotenza da parti tal-konvenut.

Mill-provi mressqa mill-partijiet tidher kredibbli l-verzjoni ta' l-attrici li l-konvenut kien ikollu diffikolta' li jkollu relazzjoni kompleta ma' l-attrici u biex jghatti dan igib l-iskuza ta' l-ghejja. Ma jidhirx pero' li kellu din id-diffikolta' max-xhud Amanda Elatalapsi u kwindi hu probabbli li kienet problema ta' impotenza relattiva u ghalhekk, ai termini tal-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005 ir-ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament huma mputabbli liz-zewg nahat. Ghandu jinghad li l-Artikolu 19 (1) (e) jispecifika li l-impotenza bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg tista' tkun relattiva, purke' naturalment tkun antecedenti ghaz-zwieg.

Mill-provi jirrizulta ukoll li jesistu ragunijiet anke taht iz-zewg sub-artikoli l-ohra imsemmija ghall-annullament ghaliex kien hemm disinteress notevoli da parti tal-konvenut lejn l-obbligi matrimonjali tieghu.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-6 ta' Mejju, 2001. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------